# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 12 ta' Ottubru, 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paula Ciantar)**
**vs**
**Emilio Persiano**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Emilio Persiano, ta' 50 sena, iben Santino u Rita nee' Attard, imwieled Attard nhar is-27 ta' Jannar 1970, residenti fil-fond bin-numru 62, Triton, Flat 1, Triq Mile End, Hamrun u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 0053970(M).

Akkuzat talli nhar it-08 ta' Settembru 2019, fl-Mgarr u f'dawn il-Gzejjer:-

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ammontat ghal madwar €2400, u dan ghad-detriment ta' Jean-Louise Henri Deleporte;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkommetta offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Jean-Louise Henri Deleporte u Michele Georgette Josette Denaria, liema offiza hija kkunsidrata ta' importanza zghira;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh nhar it-8 ta' Settembru 2019 quddiem il-lukanda Radisson f'Golden Sands.

**Michele Gorgette Denaria** tirrakkonta li hi u zewgha kienu il-Belt u riedu jmorru lura l-lukanda. Zewgha saqsa lill-imputat kemm kien il-prezz u hi semghet il-kliem "twenty five" u huma accettaw. Meta waslu l-lukanda zewgha hareg hamsa u ghoxrin Euro u taghom lix-xufier pero deher li ma kienx qed jaqbel. Zewgha hareg mill-vettura u l-imputat hareg jigri hu ukoll u prova jwaqqaf lil zewgha milli jidhol il-lukanda u bdew argumentaw. Hi ma fehmitx x'kienu qed jghidu peress li ftit li xejn tifhem b'l-Ingliz. Sadattant hi lahqet harget mill-vetura u pruvaw jidhlu fil-lukanda pero l-imputat qabad lil zewgha, imbuttah, tah daqqa u tar in-nuccali. Rat li zewgha kien ser jaqa ma'l-art u hi pruvat tiddefendih billi tisserparahom u dak il-hin l-imputat taha daqqa f'wiccha. Ziedet tghid li ma tafx ridx jaghtiha daqqa fuq wiccha imma hu, cioe l-imputat, ried jimbuttaha u laqghatha tant li kellha n-nuccali u kellha d-demm. Ftit wara intervjeniet receptionist tal-lukanda u dahlu gewwa. Denaria u zewgha ridu li jissejhu l-pulizija pero minflok issejjhu s-security tal-lukanda. Denaria qabdet ghaxar Euro mill-purse taghha, tatha lill-imputat u qaltlu biex jitlaq. Dak il-hin gew tas-security u x-xhud u zewgha marru fil-kamra taghhom. Huma ma ridux jaghlu rapport mal-pulzija pero l-ghada fil-ghodu tal-lukanda qalulhom biex imorru l-ghassa biex jaghlu rapport. Meta marru fil-kamra zewgha mar biex inehhi l-hearing aid u nduna li kienet nieqsa, ghalhekk rega mar fir-reception u flimkien mas-security fitxxew il-hearing aid izda ma sabuhiex.

In kontroezami u mistoqsija xi kliem ezatt qal zewgha lill-imputat qabel ma dahlu fil-vettura tieghu Deanaria tghid li ma tafx, pero ftit aktar 'l quddiem tghid li zewgha qallu li riedu jmorru Radisson Golden Sands. Hi qalet li ma tafx x'qal l-imputat dwar il-prezz tal-vjagg pero zewgha qallha li l-prezz kien hamsa u ghoxrin Euro. Dwar dak li gara meta waslu l-lukanda Denaria cahdet li zewgha imbotta lill-imputat. Tghid ukoll li meta l-imputat ta daqqa lil zewgha u rat li zewgha kien ser jaqa', marret hdejn l-imputat, pruvat tghidlu biex jieqaf, u hu imbotta lilha ukoll u taha daqqa.

**Jean Louise Henri Deleporte** da parti tieghu jghid li huwa normalment juza is-servizz tal-ecabs pero fil-gurnata in ezami fil-waqt li kien hiereg mill-Belt ra taxi u ddecieda li ma joqghodx jistenna imma juza dik it-taxi li x-xufier taghha kien l-imputat. Deleporte saqsa kemm kien jiswa l-vjagg ghar-Radisson Golden Bay u l-imputat b'idejh indika hamsa u ghoxrin Euro. Aktar kmieni fil-ghodu kien hallas tnejn u ghoxrin Euri ghall-istess vjagg pero hu accetta. Meta waslu l-lukanda hu ta hamsa u ghoxrin Euro lill-imputat u dan beda jghajjat u jghid li l-prezz kien hamsa u tlettin Euro. It-tnejn li huma baqaw jinsistu fuq il-verzjoni

taghhom ghalhekk ix-xhud hareg mit-taxi biex jmur fil-lukanda biex igib lil xi hadd li jista' jispjega lill-imputat; l-imputat pero mar iwaqqfu. Aktar minn hekk l-imputat baqa jghajjat u tah daqqa; ghal dan kollu kien hemm xhud: manager tal-lukanda li fil-fatt hija sejjhet is-security. Bid-daqqa li tah l-imputat, li biha laqtu fuq ghajnejh il-leminija, tar in-nuccali u anke l-hearing aid. Meta rat dak li kien qed jigri mart ix-xhud dahlet bejniethom biex tikkalma lill-imputat u anke hi qalet daqqa. Mbaghad dahlu fil-lukanda u martu tat ghaxar Euro lill-imputat. Kompla jispjega li n-nuccali, li huwa tal-vista imma b'lenti tax-xemx, hadu hsieb isewwuh tal-lukanda; kieku kellu jaghmlu gdid jiswa erbgha mitt Euro. Dwar il-hearing aid jghid li tiswa elfejn Euro; f'dan ir-rigward zied ukoll li ma ndunax mill-ewwel li tilifha u li fittixha flimkien mas-security. Qal ukoll li bhala rizultat tad-daqqa li qala' wegga' ma' genb ghajnejh anke kellu xi demm.

In kontro-ezami jkompli jinsisti li l-imputat kien qallu li l-vjagg jiswa hamsa u ghoxrin Euro u li hu qallu li hu u martu ir-Radisson Golden Bay riedu jmorru mill-ewwel; huwa fil-fatt prepara hamsa u ghoxrin Euro qabel ma waslu l-lukanda. Ikkonferma li malli waslu l-lukana hu ta l-hamsa u ghoxrin Euro lill-imputat u dan beda jinsisti li kellu jithallas hamsa u tlettin Euro. Dwar il-kollutazzjoni ta' bejniethom Depeporte jinsisti li kien l-imputat tah daqqa u hu iddefenda ruhu billi imbottah. Insista li l-imputat ma halliex jidhol fil-lukanda. Dwar il-hearing aid, fil-waqt li jghid li huwa ghandu hearing loss ta' hamsin fil-mija u li ghandhu zewg heating aids cioe wahda ghal kull widna u li b'wahda biss xorta jista' jisma u jifhem, jikkonferma li huwa induna li tilifha meta kien sejjer fil-kamra.

**WPC 343 Daniela Healey** tikkonferma li sar rapport dwar dan il-kaz. Tghid ukoll li pulizija marru jaraw filmati mic-CCTV cameras li hemm l-lukanda Radisson fir-reception u fil-vicinanzi ta' fejn sehh l-incident pero ma jidher xejn li huwa relevanti ghal kaz in ezami. Aktar minn hekk tghid li mill-investigazzjoni kondotta ma rrizultax li kien hemm xhieda okkulari ta' dak li gara qabel u waqt il-kollutazzjoni u li ma jirrizultax li fil-reception jew lobby tal-lukanda kien hemm xi argumenti bejn il-partjiet. In kontroezami qalet li l-camera tar-reception kienet tahdem izda skond ma qalulhom tal-lukanda fiha kien jidher biss Deleporte, fatt li wara die konfermat minn kollega taghha.

Illi xehedtet ukoll l-**Ispettur Paula Ciantar** li spjegat x'investigazzjoni saret u l-verzjoni li taw il-partijiet inkluz l-imputat li rrilaxxja stqarrija. Ix-xhud esebiet leaflet li juri l-prezzijiet li ghandhom izommu tat-taxi fuq diversi rottot; din il-leaflet ghaddhielha l-imputat.

Illi **l-imputat** irrilaxxja stqarrija u ddepona quddiem din il-Qorti. F'l-istqarrija jghid li kien qieghed hdejn il-lukanda Pheonica il-Belt meta gew il-parte civile u qallulu li ridu jmorru r-Radisson; hu qalilhom li l-vjagg jiswa ghoxrin Euro. Xufier iehor li kien vicin gibidlu l-attenzjoni li setghu kienu qed jirreferu ghall-

lukanda f'Golden Sands f'liema kaz il-vjagg kien ikun jiswa tlettin Euro. Deleporte sema' dan id-diskors u qallu li Golden Sands riedu jmorru; l-imputat ghalhekk qallu li l-prezz kien tlettin Euro. Deleporte qal xi haga bil-Franciz u telqu. Meta waslu Golden Sands Deleporte hareg hamsa u ghoxrin Euro u l-imputat qallu li l-prezz kien tlettin Euro fil-waqt li Deleporte, li issa hareg mill-vettura, baqa jinsisti li kellu jhallas hamsa u ghoxrin Euro. L-imputat qaghad quddiem il-bieb tal-lukanda biex Deleporte ma jidholx; dan "*fetah idejh biex jghaddi*" u l-imputat "*fetah idejh biex jilqalu idejh u lqatlu wiccu*"; hu specifika li laqtu fil-warda ta' wiccu. Deleporte beda jghati bil-ponn u l-imputat resaq erbgha passi lura. Sadattant hargu s-security tal-lukanda u dahlu gewwa; l-imputat qallhom li  rid il-pulizija. Dak il-hin l-imputat innota li Denaria kellha hmura fuq imnehirha taht ghajnejnha u qallha li hu ma kienx missha; hi qablet mieghu ghax qaltlu li kien laqatha zewgha meta kienet qed tferraqhom. Mbaghad l-imputat qal lis-security li kien ser jitlaq pero taghhom d-dettalji tieghu inkluz in-numru tat-telephone; dak il-hin Deleporte mar fuqu u urih sieq tan-nuccali tax-xemx li kien inkiser. L-imputat insista li lil Denaria la ta daqqa u lanqas laqghatha. Mistoqsi jekk jafx li Deleporte kien jielbes hearing aid, jghid li hu ma rax hearing aid.

Illi fid-depozizzjoni tieghu l-imputat ikkonferma li Deleporte qallu li ried imur r-Radisson minghajr ma specifika liema wahda u li hu ghall-ewwel qallu li l-prezz kien ghoxrin Euro u li mbaghad fuq suggeriment ta' xufier iehor specifikaw li kienu sejrin Golden Sands u li l-prezz kien tlettin Euro. Ikkonferma li Deleporte tah hamsa u ghoxrin Euro meta waslu u hu qallu li l-prezz huwa tlettin Euro. Zied li Deleporte u martu hargu mill-karozza u telqu 'l hemm ghalhekk hu ukoll niezel mill-karozza jistaqsi ghalfejn qed jaghlulu hekk pero injorawh. Meta waslu hdejn il-bieb tal-lukanda l-imputat qaghad fil-bieb u insista li ghandhom ihallsu d-differenza u Deleporte imbuttah darbtjen u hu kull m'ghamel nehhielu idejh minn ma sidruh u dahlu gewwa fejn l-imputat talab li jcemplu lill-pulilzija u talab ghall-cameras. Gew tas-security, l-imputat tahom id-dettalji tieghu u telaq 'l hemm; l-imputat jinnega li huwa ta daqqa lil Deleporte. Spjega ukoll li l-prezzijiet tat-taxi huma fissi u li hdejn it-taxi stand hemm tabella bil-prezzijiet. L-imputat prezenta ukoll sample ta' ricevuta ufficjali li tinhareg ghall-hlas tal-prezz. In kontroezami u b'referenza ghall-leaflet tal-prezzijiet l-imputat qal li hu lil Deleporte ma urihx il-prezzijiet fuq xi ricevuta li kellu u lanqas ma pruva jurih bil-miktib x'ser ikun il-prezz; jghid li ma kienx hemm ghalfejn ghaliex hu qallu li l-prezz huwa tlettin Euro. Rega qal li Deleporte missu minn sidrhu biex izul minn-nofs u dak il-hin kienu vicin hafna ta'  xulxin. Jghid li warrablu idejh bil-mod u ma jidhirlux li waqqalu xi haga. Dwar l-ircevuta jghid li hu ma kellux cans li johrog ircevuta lil Deleporte ghaliex dan tefghallu l-flus u hareg 'l barra. Mistoqsi jekk normalment jiktibhomx hu l-ircevuti l-imputat jghid li dawn ikunu lesti, bil-hin b'kollox u jkunu ghandhom fit-taxi.

Ikkunsidrat

Illi f'dan l-istadju jkun opportun li jsiru xi osservazzjonijiet dwar il-provi prodotti.

Illi huwa car li hemm kunflitt bejn il-verzjonijiet tal-parte civile min-naha u dik ta'l-imputat min-naha l-ohra; aktar minn hekk hemm kontradizzjonijiet f'dak li jghidu l-imputat u sa certu punt Deleporte.

Illi l-imputat jghid li meta huwa haseb li l-vjagg kien ghal-lukanda Radisson f'San Giljan huwa talab il-prezz ta' ghoxrin Euro, meta rrealizza li Deleporte kien qed jirreferi ghar-Radisson Golden Sand kjarifika li l-prezz huwa ta' tlettin Euro. Huwa jsostni li l-prezzijiet huma prestabbiliti u ma jistax ikun li talab hamsa u ghoxrin Euro ghaliex mill-Belt ghar-Radisson il-prezz huwa jew ghoxrin Euro jew tlettin Euro; in sostenn ta' dan huwa prezenta leaflet li juri l-prezzijiet prestabbiliti. Minn dan il-leaflet pero jirrizulta li l-prezz mill-Belt ghal St Andrews u St George's Bay huwa ta' tmintax il-Euro u ghal Pembroke jew San Giljan sbatax il-Euro. Skond dawn it-tariffi li prezenta l-imputat stess ghall-vjagg mill-Belt ghar-Radisson ta' San Giljan ma setghax izomm ghoxrin Euro.

Illi l-imputat jghid ukoll li huwa jkollu ircevuti lesti fit-taxi u li dawn ikunu lesti b'kollox inkluz il-prezz u l-hin; huwa fil-fatt jghid li l-ircevuta li kellu jaghti lil Deleporte kienet lesta u ma kellux cans jaghtihielu. Il-Qorti difficilment timmagina kif xufier ta' taxi jista' jkollu ircevuti lesti printjati fit-taxi bil-prezz, u l-hin, ghal kull vjagg li ser jaghmel minn qabel ma jaghmel il-vjagg.

Illi l-imputat ma prezentax l-ricevuta li kellu lesta ghal Deleporte u ma ta l-ebda raguni ghal dan. Huwa minnu li l-imputat m'hu tenut jipprova xejn pero la darba kien hu li ghazel li jixhed u li jipprezenta ricevuta, u la darba huwa jsostni li kellu ricevuta lesta biex jaghtiha lil Deleporte kien jaghmel aktar sens li jipprezenta dik milli ohra li turi l-prezz mill-airport ghar-Radisson. Mhux hekk biss imma l-ircevuta li prezenta l-imputat fil-verita mhiex xi ircevuta ta' hlas li jsir lix-xufier mill-klient imma hija il-coupon li jinghata mit-taxi booth fejn ihallsu l-klienti qabel ma jmorru fit-taxi.

Illi aktar minn hekk hemm xi diskrepanzi bejn dak li jghid l-imputat a tempo vergine f'l-istqarrija u dak li jghid quddiem il-Qorti b'referenza ghall-kollutazzjoni li kien hemm bejnu u Deleporte. F'l-istqarrija jammmetti li laqatlhu wiccu lil Deleporte; jghid li hu qaghad quddiem il-bieb tal-lukanda biex Deleporte ma jidholx, dan "*fetah idejh biex jghaddi*" u l-imputat "*fetah idejh biex jilqalu idejh u lqatlu wiccu*"; huwa addirittura jghid li "*lqattu fuq il-warda ta' wiccu*". Fid-depozizzjoni jinnega li ta daqqa jew li laqghat lil Deleporte imma li kull m'ghamel kien li warrablu idejh wara li dan kien imbottah darbtejn fuq sidrhu.

Illi dwar il-hearing aid l-imputat jghid li ma jistax jihem kif, jekk verament intilfet, ma nstabitx fir-reception tal-lukanda. Hawn ukoll l-imputat huwa skortett f'dak li jghid ghaliex il-kollutazzjoni sehhet barra l-bieb tal-lukanda u ghalhekk ma jistax ikun li jsibuha fir-reception, semmai kellhom isibuha barra.

Illi Deleporte da parti tieghu jghid li huwa ghandu fifty percent hearing loss u li juza zewg hearing aids; jghid li wara l-kollutazzjoni ma'l-imputat u meta kien sejjer fil-kamra tieghu induna li ma kellux wahda mill-hearing aids u ghalhekk huwa assuma li tilifha meta l-imputat tghajjarlu n-nuccali. Il-Qorti difficilment taccetta bhala verosimili allegazzjoni li persuna li ghandha fifty percent hearing loss u hija mdorrija tuza zewg hearing aids ma tindunax mill-ewwel li wahda minnhom hija nieqsa, dan mhux biss minhabba l-fatt li m' ghadhiex ma widnejh imma aktar minhabba l-effett fuq is-smiegh li jkollu n-nuqqas taghha.

Illi Deleporte jghid ukoll, dejjem dwar il-hearing aid li bil-fors li waqat meta l-imputat taghjjarlu in-nuccali ghaliex la tar in-nuccali, taret mieghu l-hearing aid. Ghalkemm hemm certu logika f'din l-asserzjoni pero l-Qorti ma tistax taccetta li l-fatt li tar in-nuccali bil-fors kellu jwassal biex taqa ukoll il-hearing aid; kieku dan il-kaz kienu jaqaw iz-zewg hering aids u mhux wahda biss.

Ikkunsidrat

Illi minkejja dawn il-kunflitti u kontradizzjonijiet, hemm fatti li, fid-dawl tal-provi kollha prodotti jistghu jigu stabbiliti.

Illi ghalkemm l-imputat jghid li huwa talab tlettin Euro ghall-vjagg, il-Qorti hija konvinta li huwa talab hamsa u tlettin Euro. Hemm qbil li Deleporte tah hamsa u ghoxrin Euro lill-imputat u wara Denaria taghtu ghaxar Euro ohra, ghalhekk total ta' hamsa u tlettin Euro. Ma jaghmilx sens li wara dak kollu li gara Denaria taghti lill-imputat aktar minn dak li kien qed jippretendi li kien il-prezz miftiehem. F'dan ir-rigward wiehed ma jistax jinsa li l-provi juru li l-imputat ma qaghdax mat-tariffi stabbiliti f'dak il-leaflet li prezenta huwa stess, tant hu hekk li minkejja li t-tariffa ghar-Radisson St Julians ma setghetx tkun akara minn tmintax il-Euro huwa qal li talab ghoxrin Euro meta kien mighlih li kienu sejrin San Giljan.

Illi miz-zewg verzjonijiet mghotija jirrizulta li meta Deleporte u l-imputat hargu mill-vettura sa kemm wasu hdejn il-bieb tal-lukanda l-argument kien ghadu wiehed verbali. Hemm qbil ukoll li meta Deleporte kien ser jibqa diehel fil-lukanda, l-imputat qaghad fil-bieb biex Deleporte ma jkunx jista' jidhol. Kien hawn li s-sitwazzjoni eskalat u ddegenerat f'kollutazzjoni fizika. Hawn ukoll il-Qorti ma tistax taghti affidabilita lil dak li jghid l-imputat fid-depozizzjoni tieghu imma hija konvinta li ghandha tistrih fuq dak li jghid l-imputat f'l-istqarrija u cioe li Deleporte fetah idejh biex jghaddi (u mhux biss

jaggredixxi lill-imputat) u hu prova jwaqqfu billi hareg idejh kontra Deleporte, u spicca biex laqtu f'wiccu; ghal dan irreagixxa Deleporte biex jiddefendi ruhu u f'dan l-istadju intervjeniet Denaria biex tferraqhom u ntlaqtghet hi ukoll.

Illi tenut kont ta' dan l-Qorti hija konvinta li l-ewwel intervent fiziku fil-konfront ta' xulxin sar mill-imputat.

Illi dwar il-griehi mill-atti jirrizulta anke mill-istqarrija ta'l-imputat li Denaria kellha xi hmura taht ghajnejha u jirrizulta li Deleporte soffra xi griehi zghir hdejn ghajnejh. Mid-deskrizzjoni taghhom il-griehi sofferti kemm minn Denaria u Deleporte huma hfif u ta' importanza zghira.

Illi dwar il-hsarat sofferti minn Deleporte, mill-atti jirrizulta li waqt il-kollutazzjoni bejn l-imputat u Deleporte u bhala konsegwenza ta' daqqa li l-imputat ta lil Deleporte, dan tarlu n-nuccali. Ghalkemm m'ghandhiex raguni ghalfejn tiddubitha li l-prezz originali tan-nuccali kien erbgha mitt Euro, mill-atti jirrizulta li n-nuccali ma nkisirx imma, skond ma jghid l-imputat, inqalatlu is-sieq. Aktar minn hekk jidher li issewwa, pero ma ngiebitx prova ta' kemm kien l-ammont rikjest biex n-nuccali jissewwa.

Illi huwa allegat ukoll li bhala rizultat tad-daqqa li qala Deleporte huwa tilef hearing aid. Fir-rigward tal-hearing aid il-Qorti tistqarr li ghadha dubbju taghha jekk Deleporte kellux tnejn jew wahda u dan id-dubbju ghandu jimmilita favur l-imputat.

Illi dan l-incident sehh fil-pubbliku u zgur kien jinvolvi ghajjat u glied ghalhekk m'ghandux ikun hemm dubbju li permezz ta' dan l-incident inkisret l-paci pubblika.

Illi fid-dawl tas-suespost l-Qorti hija konvinta li gew pruvati l-imputazzjonijiet kollha, b'dan li fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni din tirrizulta biss fir-rigward tan-nuccali, u la darba ma ngiebitx prova ta'l-ammont ta' hsara l-Qorti ser ikollha tassumi li l-ammont ma jeccediex it-tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) imsemmija f'l-artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-fedina penali tieghu, u c-cirkostanzi li fihom sehh l-incident.

Ghal dawn l-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215, 221(3), 325(1)(d) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kaptiolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reati iehor fi zmien tmintax il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**